MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2013

Numru. 1332/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Tony Cachia)**

**Vs**

**Yousri W. Agouri ta' 33 sena bin Wanys Agouri u Rahma Agouri xebba Salha imwieled Benghasi Libya nhar is-27 ta' Settembru 1979 residenti Windsor Buildings Flt no.19 Zabbar Road, Fgura detentur tal-Passaport no:552376**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Yousri W. Agouri li gie akkuzat talli:

Nhar it-22 ta’ Dicembru 2009, ghal habta ta’ 5:15p.m. fi Triq ta’ Brija Siggiewi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ nuccali li jammonta ghas-somma ta’ 223.62Ewro ghad-detriment ta’ Giulia Vassallo.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Giulia Vassallo skont kif iccertifika Dr. Robert Patiniott med reg no: 1860 mic-centru tas-sahha fil-Furjana

Rat id-dokumenti;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tad-29 ta’ Novembru 2011 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi ikkaguna hsara volontarja fuq nuccali proprjeta ta’ Giulia Vassallo l-gara tieghu, u dana wara argument li inqala’ bejniethom in konnessjoni ma’ kwistjoni ta’ parkegg. Fil-fatt kemm l-imputat kif ukoll Vassallo jaqqblu fuq dana il-fatt u cioe’ illi huma tlewwmu wara li l-imputat hareg siggu sabiex jirriserva il-parkegg quddiem il-bieb tad-dar tieghu u Vassallo oggezzjonat ghal dana l-fatt. Illi hawn iz-zewg partijiet bdew jitghajjru u

jargumentaw. Minn hawn ‘il quddiem il-partijiet ma jaqqblux iktar dwar id-dinamika ta’ dana l-incident.

Illi l-parti leza Giulia Vassallo issostni illi l-imputat xejjrilha daqqa f’wiccha b’minkbejh tant illi kissrilha in-nuccali tal-vista li kellha f’ghajnejha u ikkagunalha griehi ohra f’wiccha u dana skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebiet fl-atti.[1] Illi l-griehi rapportati minn Vassallo kienu jikkonsistu fi brix superficjali fuq in-naha tax-xellug ta’ mohha u imnehirha u daqqa fuq in-naha ta’ xellug ta’ wiccha u fuq xofftejha. Illi hija issostni illi f’dana l-incident inkissrilha in-nuccali tal-vista li kienet liebsa u kellha taghmel wiehed gdid li gie jiswilha €223.62[2]. Illi l-Qorti tosserva illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ohra ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni oltre ghal dina r-ricevuta li hija fotokopja biss. Lanqas in-nuccali l-imkisser ma gie esebiet fl-atti. Dana qed jinghad ghaliex l-imputat qed jikkontendi illi dana in-nuccali ma inkisirx fl-incident u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta’ martu Susanne Camilleri li tikkontendi illi dana in-nuccali hija gabbritu mill-art fejn kien waqa’ u ghaddietu lil Vassallo.

Illi l-imputat ghazel li jiehu il-pedana tax-xhieda u meta jixhed jikkonferma dak illi stqarr lill-pulizija fl-istqarrija rilaxxjata minnu.[3] Huwa jammetti illi kien pogga siggu fit-triq sabiex jirriserva il-parkegg u dana billi Vassallo minn naha taghha kienet dejjem taghmel l-istess, tant illi hafna drabi huwa ma kienx ikun jista’ isib parkegg vicin id-dar tieghu. Dak in-nhar peress illi huwa kien ser johorg mal-mara u t-tifel iddecieda jaghmel dana is-siggu sabiex meta jigi lura id-dar isib parkegg vojt. Vassallo oggezzjonat ghal dana il-fatt u marret vicin tieghu u bdiet targumenta mieghu. L-imputat isostni illi f’dana il-hin huwa kien qed jerfa’ it-tifel tieghu li dak in-nhar ta’l-incident kellu madwar sena u nofs. Ighid illi Vassallo li kellha *carrier* f’idejha li kien vojt xejjritu fid-direzzjoni tieghu tant illi anke laqtet lit-tifel tieghu li kien qieghed fuqu u ikkagunatlu xi griehi tant illi beda jibki. Meta Vassallo regghet gholliet il-*carrier* sabiex taghtih daqqa ohra ighid illi huwa beda jilqghu b’idejh biex ma tolqotx lit-tifel u lilu, tant illi dana

[1] Ara certifikat mediku Dokument RP2 u ix-xhieda ta’ Dr. Robert Patiniott a fol.11
[2] Ara fotokopja ta’ ricevuta Dokument FC1 a fol.18 tal-process.
[3] Ara stqarrija Dokument TC1 a fol.37 u ix-xhieda ta’l-imputat a fol.42

spicca habat ma’ wicc Vassallo, u b’konsegwenza ta’ dan tarilha in-nuccali minn ghajnejha u din spiccat waqghet fl-art. Jichad illi huwa refa idejh fuqha jew inkella li taha xi daqqiet b’minkbejh fuq wiccha. Mart l-imputat Susanne Camilleri li kienet presenti ghal dana l-incident tikkorrobora il-verzjoni ta’ zewgha. Izzid tghid illi meta hija marret tghin lil Vassallo sabiex tqum minn mal-art hija gabbritilha ukoll in-nuccali li ma kienx miksur.

Illi Vassallo meta tixhed fl-ebda hin ma issemmi il-presenza tat-tifel minuri ta’l-imputat f’dana l-incident. Izda minn certifikat mediku esebiet in atti jirrizulta illi iben l-imputat sofra xi griehi konsisteni fi grif hafif fuq rasu u fuq spalltu tan-naha tax-xellug[4]. Illi Vassallo minn naha taghha tikkonferma illi hija kellha din il-*carrier* f’idejha izda li uzatha u cioe’ ghollietha sabiex tiddefendi ruhha mill-aggressjoni ta’l-imputat. Inoltre ghalkemm Vassallo issostni illi kien hemm diversi nies presenti ghal dana l-incident, madanakollu la l-Prosekuzzjoni u wisq anqas il-parti leza ma iressqu xhieda okulari indipendenti li setghu jitfghu iktar dawl fuq id-dinamika ta’ dina l-kollutazzjoni sabiex b’hekk il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet konfliggenti li ma jistghu qatt iwassluha sabiex tistabbilixxi lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni l-veracita’ o meno ta’ wahda jew l-ohra minn dawn il-verzjonijiet.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dana il-kunflitt fil-provi il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ara Dokument FC2 a ol.19 tal-process.